**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**DISTRETT NAXXAR**

**Pulizija**

**Vs**

**Giuseppe Camilleri**

**(Każ Nru. 8)**

**Illum, 9 ta' Novembru, 2021**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni mressqa kontra Giuseppe Camilleri detentur tal-karta tal-identita' numru 449453M, li permezz taghha gie akkuzat talli nhar is-6 ta' Jannar 2018, gewwa l-ghalqa fl-inhawi tad-Dukkiena, Naxxar, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorità tieghu innifsu lil xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixkel lil Paolo Camilleri u Emanuele Camilleri fil-pussess ta' hwejjighom b'xi mod iehor kontra l-ligi, jew indahal fi hwejjeg ta' haddiehor.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu

mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif ipprovdut fl-Artikolu 553 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni;

Rat li din il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat fid-dawl tal-Artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu gie ezaminat f'dettal kbir mill-Qorti tal-Appell, fil-kawza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Gona Caruana u Salvu Caruana, deciza fil-31 ta' Lulju, 2018. F'dik il-kawza intqal hekk:

> *"Ir-reat ta' ragion fattasi ilu jezisti fis-sistema legali taghna ghal-zmien twil. Fil-fatt nistghu sahansitra nsibu referenza ghal-dan ir-reat fil "Lex Julia de vi privata" u l-famuz digriet sussegwenti ta' Marco Antonino (Ghal tgharif storiku vide A Regina, L'Esercizio Arbitrario delle Proprie Ragioni, (Cedam, Padova 1979) F Carrara, Programma del Corso di Diritto Criminale, Volume V-Parte Speciale, (7th edn Libreria Fratelli Cammelli Editori, Prato 1899) 539).*
>
> *Ir-reat ta' ragion fattasi kien gie introdott fil-ligi nostrana bhala artikolu 70 fl-ewwel draft tal-kodici penali (Leggi Criminali di Malta e delle sue Dipendenze 1842). Kien provvediment li kien imsejjes fuq l-artikolu 168 tal-Kodici Naplitan jew il Codice del Regno delle Due Sicilie tal-1819. Naturalment ix-xelta sabiex nadottaw dan l-artikolu ta' ragion fattasi mill-Codice del Regno delle Due Sicilie*

*induciena sabiex ikollna l-elementi kostituttivi tar-reat li hu differenti minn kodicijiet penali Taljani. Tant hu hekk, li minkejja li l-artikolu taghna ma jirrikjedix il-vjolenza bhala element essenzjali, l-artikolu tal-kodici Taljan jirrikjedi l-uzu tal-vjolenza fuq l-proprjeta' (Italian Penal Code, Article 392) u vjolenza jew theddid fuq il-persuna (Italian Penal Code, Article 393) ghall-kostituzzjoni tar-reat. Iddifferenza hija rizultat mid-differenza fis-sors.*

*Fil-fatt Sir Andrew Jameson (Rapport ta' A Jameson dwar The proposed Code of Criminal Laws for the Island of Malta and its Dependencies, (1843) 99) ma kienx cert jekk kellux inehhi dan ir-reat meta kien qed jigi promulgat il-kodici u jipprovdi s-segwenti:-*

*"It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict or claims of damages, but I have not thought it necessary to recommend the omission of the article, it having been approved of by the Code Commissioners, who are better judges of the necessity of the provision."*

*Ir-reat ta' ragion fattasi gie inkluz fil-kodici penali tas-sena 1854 (Leggi Criminali per l''Isola di Malta e Sue Dipendenze promulgated by Order in Council on 10th March 1854) bhala artikolu 77 li provvda is-segwenti:-*

*"Chiunque, senza oggetto di furto o di recare danno per ingiuria, ma solamente per ''esercizio di un preteso diritto, di propria autorità, costringesse altri al pagamento di un debito, od alla soddisfazione di una obbligazione qualunque, o disturbasse un altrui possesso, demolisse fabbricati, deviasse acque o ne prendesse possesso o in altra maniera illegalmente s''ingerisse nella proprietà di un altro, sarà punito colla prigionìa da uno a tre mesi. Sarà però in arbitrio della Corte di sostituire alla pena suddetta la multa".*

*In segwitu dan l-artikolu 77 gie ri-enumerat u llum huwa appuntu l-artikolu 85 dak in dezamina. Il-problema li segwiet kienet wahda fejn l-kawza ta' din ix-xorta kienet qed tigi sospiza sakemm ikun hemm esitu ta' tal-kawza civili li tkun pendenti bejn l-akkuzat u l-parte civile fuq l-istess materja. Fil-fatt dan kien maghruf bhala 'sopra sessjoni'.*

*Tant hu hekk li fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Mario Camilleri (Volume LXXI, part V, p 862, 31st July 1987, Court of Criminal Appeal (Inferior), Onor. Imhallef C. A. Agius), il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali iddecidiet li tiddiferixxi il-kawza kriminli sine die sakemm ikun hemm decizjoni mill-Qrati Civili. L-Avukat Generali kien appella minn din is-sentenza u din il-Qorti diversament presduta gustament irrilevat li:*

*F'dan il-każ bir-rispett kollu din il-Qorti ma tifhimx kif il-eżitu tal-kawża ċivili tista' taffettwa l-eżitu ta' din il-kawża għaliex f'din si tratta ta' ragion fattasi li hu kunċett differenti minn dak ta' spoll fid-dritt ċivili. Dana s'intendi ferm u indubitat il-prinċipju notorju li l-azzjoni kriminali hija separata u distinta minn dik ċivili u li t-tnejn jitmexxew indipendentement minn xulxin.*

*F'Jannar, 2005 kien hemm White Paper imsejha "Towards a better and more Expeditious Administration of Justice" (Ministeru tal-gustizzja u intern, Towards a Better and More Expeditious Administration of Justice, (January 2005) 54) u din indirizzat din il-materja u stqarret li "This area requires a proper study and it does not appear that one should shun any change that reduces delays, merely because it is only applicable to a restricted number of cases".*

*Is-sub inciz (2) tal-artikolu 85 jipprovdi li f'dawk il-kazijiet fejn persuna giet spoljata, l-Qorti ghandha tapplika l-artikolu 377 sabiex b'hekk dak li jkun jigi ripristinat fil-godiment tal-proprjeta' tieghu fi zmien qasir.*

*L-intenzjoni tal-legislatur kienet wahda u cioe' li jirrikoncilja z-zewg proceduri ta' ragion fattasi u l-actio spolii, suggett ghar-regola li l-azzjoni penali u l-azzjoni civili ghandhom jinzammu separati (Dibattiti Parlamentari, Sessjoni Nru: 88 (Stadju ta' Kumitat), 25ta' Lulju, 2006). Minkejja li hu ta twemmin komuni li "il Magistrato civile restituit in integrum, ed il Magistrato penale punisce"*

*Ghalhekk l-artikolu 85 gie emendat bl-att XVI tas-sena 2006 fejn illum hemm is-sub atikolu 2 li jipprovi is-segwenti.*

*"(2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 377(5) japplikaw f'kull każta' sejbien ta' ħtija taħt issubartikolu (1) u meta l-għemil tal-ħati jkun irriżulta filli persuna oħra tbati spoll il-qorti għandha tapplika d-dispożizzjonijiet ta' dak is-subartikolu sabiex tassigura li l-persuna li batiet l-ispoll titqiegħed għal kollox fl-istat ta' qabel ma batiet l-ispoll".*

*Illum l-azzjoni odjerna ghalhekk hija wahda penali ghandha effett civili ukoll ghaliex il-Qorti tista' tordna lill-hati inehhi l-inkonvenjent li qed jigi kkawzat lill-kwerelant.*

*Ghalhekk dan kollu iwassalna sabiex l-Qorti tispjega f'iktar dettal f'hiex jikkonsiti r-reat ta' ragion fattasi. Ir-reat ta' ragion fattasi jikkonsisti f'persuna li minghajr l-intenzjoni li jisraq jew li jikkawza hsarat, izda fl-ezercizzju ta' dritt li jippretendi li ghandu, b'mod arbitrarju, jenforza dan id-dritt, hekk imsejjah arbitrarju, kif komunement mgharuf li 'jiehu il-ligi b'idejh.'*

*L-artikolu 85 tal-Kap 9 jipprovdi is-segwenti:-*

*"Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel,bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati........"*

*Carrara jiddefinixxi dan ir-reat bhala:-*

*"La ragion fattasi è il delitto di chiunque credendo di aver un diritto sopra cosa nell''altrui possesso, o sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel fine di sostituire la sua forza privata all''autorità pubblica, senza per altro eccedere in violazioni speciali di altri diritti" (F Carrara, Programma del Corso di Diritto Criminale, Volume V- Parte Speciale, (7th edn Libreria Fratelli Cammelli Editori, Prato1899) 535.*

*Din id-definizzjoni tindika li hemm zewg ingredjenti ghall-esistenza ta' dan ir-reat u cioe:-*

*1. Id-dritt pretiz u*

*2. Il-possibilita li dak li jkun ikollu rikors ghal xi awtorita kompetenti.*

***Id-dritt pretiz – Ir-ragion fattasi***

*Hemm diversi hsiebijiet dwar dan ir-reat; l-awtur Alessandro Stoppato (A Stoppato, L'Esercizio Arbitrario delle Proprie Ragioni: studio di diritto penale, (1896) 151) jippuntwalizza zewg fatturi essenzjali li ghandhom jissusistu fid-dritt pretiz. Jemmen li ghandu jkun hemm l-esistenza ta ' "fumus boni juris" minn l-agent u ghandu jkun hemm il-bona fede meta ser issir l-evalwazzjoni jekk tali dritt jezistix jew le.*

*Mil-banda l-ohra Mazzanti (M Mazzanti, Esercizio Arbitrario delle Proprie Ragioni, in Enc. Dir., Vol XV (Giuffrè, Milano 1966) 616, referred in B. Romano, Delitti contro l'Amministrazione della Giustizia, (4th edn Cedam, Padova 2009) 383) jispjega li ir- reat ta' ragion fattasi jissusti anke meta id-dritt pretiz in realta' mhux vera jesisti. Isostni, li sakemm l-agent ghandu ragonevolment jemmen li ghandu dritt, ir-reat ta' ragion fattasi jesisti. Din it-teorija giet abbraccjata minn Bartolomeo Romano u f'numru kbir ta' sentenzi Taljani (Cass. Pen. Sez. VI, 6th April 1998, Cass. Pen. Sez. II, 27th February 1997). Fil-kitba tieghu, Bartolomeo Romano jipprovdi li:-*

*"Per la sussistenza del reato di esercizio arbitrario delle proprie ragioni non è necessario che il diritto oggetto dell"illegittima tutela privata sia realmente esistente, essendo sufficiente che l"autore agisca nella ragionevole opinione di difendere un suo diritto" (B Romano, Delitti contro l'Amministrazione della Giustizia, (4th edn Cedam, Padova 2009) 383).*

*Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Carmen Grech (Appell Kriminali Nru: 394/2009, 10 ta' Dicembru, 2009, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Imhallef J Galea Debono u irreferi wkoll ghall-Il-Pulizija v. Emanuel*

*Muscat et, Vol. LXXX, parti 4, p. 289, 30 ta' Settembru, 1996, Qorti tal-Appell Kriminali*

*(Inferjuri), Onor. Imhallef V. Caruana Colombo), il-kaz kien jikkoncerna propjeta' li kienet tapparatjeni lill-omm l-akkuzata, liema propjeta' kienet fil-fatt qed tintuza bhala r-residenza matrimonjali tal-akkuzata u zewgha. L-akkuzata hasbet li kellha dritt fuq tali dar u zammet ic-cwievet ta' din id-dar li proprjament kienet ta' zewgha u l-Qorti rriteniet li:-*

*"... proprjament la l-appellanti w lanqas il-parti leża ma kellhom xi dritt ta' permanenza fl-okkupazioni tal-istess dar.*

*B'dana kollu jidher illi l-appellanti ħadet il-liġi f'idejha meta ddeċidiet illi tieħu, kif ammettiet li għamlet, iċ-ċwievet tal-parte ċivile w tgħidlu li hemmhekk mhux se jidħol iktar."*

*Dan qed jinghad ghaliex m'huwiex necessarju li jkun hemm l-esistenza attwali ta' dritt, huwa bizejjed li d-dritt ikun wiehed pretiz u li kieku l-agent isegwi t-twemmin tieghu b'kawza civili. L-artikolu 85 jipprotegi l-istatus quo kontra min jiehu il-ligi b'idejh kif jispjega Salvatore Ardizzone:-*

*"È indifferente l''accertamento della effettiva titolarità del diritto perché, ai fini dell''esistenza del <<preteso diritto>>, ciò che conta è che si riscontri una opinione del diritto nel soggetto che agisce" (S Ardizzone, I Delitti di Esercizio Arbitrario delle Proprie Ragioni, (Giuffrè Editore, Milano 1975) 86).*

*Dritt petiz jista' jkun ibbazat fuq dritt reali (ownership, co-ownership, use, habitation, ecc.) kif gara fil-kaz ta Il-Pulizija v. George Zahra (Vol. XLII E, parti IV, p 1453, 16 ta' Lulju 1958, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Imhallef J. Flores). F'dan il-kaz l-akkuzat kien kera fond lil xi koppja. Kien ircieva c-cwievet tal-fond minghand wiehed mill-inkwlini meta l-fond kien ghadu qed jigi okkupat mill-inkwilin l-iehor. Erbat ijiem wara, Zahra mar u rema l-hwejjeg tal-inkwlini l-iehor li kien ghadu qed jokkupa l-fond. Zahra, li minkejja li kien sid il-fond ma kellu l-ebda dritt il jiehu l-ligi b'idejh. Jekk ippretenda li kellu dritt*

*sabiex jizgmnbra l-inkwilin, messu applika lill-Qorti komptenti. F'dan il-kaz Zahra kien instab hati tar-reat prospettat ta' ragion fattasi. Dan qed jinghad peress li l-avukat difensur tal-appellant donnu ried ifisser fit-trattazzjoni tieghu li dak li jkun li qed jiprospetta ksur ta' dan ir-reat irid ikollu xi tip ta' titolu fuq il-propjeta' fejn qed jallega li gie spussessat. Hawnhekk l-appellant bir-rispett kollu hu zbaljat; semplici pusess anke mera detenzjoni hu bizzejjed.*

***Il-Possibilta' li dak li jkun jista jirrikorri lejn il-Qorti.***

*Kull persuna ghandha dritt li tirrikorri lejn il-Qorti jekk trid taccerta dritt pretiz taghha fuq oggett kemm jekk hu mobbli kif ukoll immobbli. Il-Professur Mamo (22 Professor Sir A. J. Mamo, Notes on Criminal Law, Volume II, (Għsl Publications) 30) jargumenta li r-rikors huwa rikjest sabiex l-paci pubblika u s-saltna tad-dritt tigi mantenuta.*

*Crivellari huwa ta' l-istess fehma u jipprovdi li meta persuna:*

*"…si fa ragione da sè, usurpa con ciò quell"ufficio che solo appartiene alla pubblica Autorità, mette in pericolo la pubblica tranquillità, occasionando quegli inconvenienti gravissimi che ordinariamente produce la giustizia privata posta in mano di chi, difendendo la causa propria, può essere prevenuto, illudersi e farsi trasportare fuori di strada dal proprio interesse" (G Crivellari continued by Adv. G Suman, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato sulla scorta della dottrina, delle fonti, della legislazione comparata e della giurisprudenza, Volume 6, (Utet, Torino 1895) 748.)*

*Skond dan l-awtur, li persuna ghandha jkollha rikors lejn Qorti, ghandu jinftiehem bhala l-possibilita' li jkollha it-talba taghha promossa quddiem Qorti, ghalhekk il-possibilta' li ikollha gudizzju favorevoli dwar il-kawza taghha. Nuvolone (P Nuvolone, Il Possesso nel Diritto Penale, (Milano 1942) 259) jasserixxi li ma hemmx bzonn li jkun hem ic-certezza assoluta li tali dritt pretiz ghandu jigi accettat mill-Qorti. Pero' huwa importanti li meta talba tigi*

*proposta, tali talba m'ghandhiex tkun wahda frivola u vessatorja a priori.*

*Ir-reat ta' ragion fattasi kif previst fil-ligi nostrana taghna illum*

*Sa mis-sena 1872 fl-'Annotazioni alle Leggi Criminali' (G Falzon, Annotazioni able Leggi Criminali, (Malta 1872) 122) Giuseppe Falzon kien gia addotta l-erbgha elementi kostituttivi ghall-esistenza ta' dan ir-reat li kienu gew mehuda mittghalim tal-gurista eminenti Francesco Carrara. Dawn kienu s-segwenti:-*

*1. Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo;*

*2. Credenza di far quest"atto in esercizio di un diritto;*

*3. Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorità di magistrati;*

*4. Mancanza di titolo più grave (F Carrara, Programma del Corso di Diritto Criminale, Volume V-Parte Speciale, (7th edn Libreria Fratelli Cammelli Editori, Prato1899) 536).*

*Dawn l-elementi gew adottati f'kull kaz ta' ragion fattasi u whud minn dawn is-sentenzi huma s-segwenti u cioe Il-Pulizija v. Giuseppe Bonavia et (Vol. XXXII F, parti IV, p 768, 14 ta' Ottubru 1944, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Imhallef W. Harding), Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia (Vol. XLI F, parti IV, p 1506, 14 ta' Dicembru 1957, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Imhallef W. Harding) u Il-Pulizija v. Professor Henry Frendo (Appell Kriminali Nru: 210/2004, 19th August 2005, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Prim' Imhallef Emeritus V. De Gaetano). F'dawn is-sentenzi kollha intqal li, biex jikkonfigura ruħu ir-reat ta" ragion fattasi jridu jikkonkorru dawn l-erbgha elementi. Ghalhekk huwa l-obbligu tal- proskeuzzjoni li tipprova dawn l-erbgha elementi biex tipprova ir- reat migjub kontra l-akkuzat sabiex jinstab hati.*

***L-att estern***

*Il-prosekuzzjoni trid tipprova l-att estern u cioe' " the physical or external component… the harmful or blameworthy conduct which the law seeks to prevent".(H Jones & M G A Christie, Criminal Law, (3rd Edition, W Green & Son Limited, Edinburgh 2003) 49).*

*L-att jikkonsisti filli "bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontral-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel,bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor".*

*Jigi rilevat li ghad-differenza ghall-ligi Taljana, dan ir - reat isehh meta dak li jkun agixxa seta talab rikors lill-Qorti qabel ma ghamel dak li ghamel, filwaqt li fis-sitema Taljana, dak li jkun kellu juza vjolenza sabiex jottjeni d-dritt pretiz li allegatament ghandu.*

***In-nuqqas tat-tgawdija tal-oggett.***

*Sabiex dan l-element jissussisti, l-att estern ghandu jkun dirett biex jostakola lil dik il-persuna mit-tgawdija attwali tal-haga kemm jekk hi mobbli kif ukoll immobli. Dan il-principju gie imhaddan fis-sentenza fl-ismijet Il-Pulizija v. Eileen Said (Appell Kriminali Nru: 37/2002, 19 ta' Gunju 2002, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Imhallef J. Galea Debono). Il-Qorti talAppell diversament preseduta rriteniet li "l-element materjali jikkonsisti filli wieħed jippriva persuna oħra minn xi dritt fuq ħaġa li għandu d-dgawdija tagħha" (Vide anke Il-Pulizija v. John Pullicino, Appell Kriminali Nru: 243/2009, 16 ta' Novembru, 2009, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Imhallef J. Galea Debono, Il-Pulizija v. Francis Sammut, Appell Kriminali Nru: 48/2009, 14 ta' Mejju 2009, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Imhallef J. Galea Debono). L-argument li jsegwi huwa x'ghandu jinftiehem bil-kelma 'tgawdija'. Id-dizzjunarju Black's Law Dictionary jiddiefinixxi il-kelma 'enjoyment' bhala " as having the possession and the use of a right or thing, movable or immovable". (B A Garner, Black"s Law Dictionary, (8th Edition Thomson West, USA 2004) 571).*

***Il-Pusess***

*Dan l-artikolu jipprotegi l-pusess tal-haga u mhux necessarjament il-proprjeta' per se. In fatti fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Bianco (Nru: 684/2006, 5 ta' Marzu, 2010, Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat C. P. Scerri Herrera), il-Qorti tal-Magistrati tenniet li:-*

*"Il-prosekuzzjoni esebiet diversi kuntratti sabiex tipprova it-titolu ta" din l-għalqa u l-Qorti tirrileva li ai fini ta" dan ir-reat m'hemmx lok li jiġi ippruvat it-titolu; huwa neċessarju biss li l-prosekuzzjoni tipprova l-pussess u li tali pussess ġie mfixkel b'azzjoni ta' terzi sabiex b'hekk il-possessur ma setgħax igawdi l-pussess liberu tal-oġġett"*

*Ghalhekk ai fini ta' dan ir-reat u cioe dan ta' ragion fattasi il-pussess materjali jew detenzjoni huwa sufficjenti. Dan gie rikonoxxut fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Mario Bezzina (Appell Kriminali Nru: 42/2004, 26 ta' Mejju 2004, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Imhallef D. Scicluna) u Il-Pulizija v. John Cassar et (Appell Kriminali Nru: 128/2006, 24 ta' Jannar 2007, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Imhallef G. Caruana Demajo). Fl-ewwel sentenza, din il- Qorti diversament preeseduta rriteniet li:*

*"Għall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi "il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu suffiċjenti għall-avverament tal-ipotesi tal-liġi" (ara appell kriminali Il-Pulizija v. George Zahra deciza nhar is- 16 ta" Lulju 1958- Vol XLII.iv. 1453).*

*Min ikollu oġġett misluf lilu għat-tgawdija tiegħu għandu il-pussess materjali ta" dak l-oġġett.*

*Taħt l-artiklu 85 tal-Kodiċi Kriminali ma hemm ebda bżonn li jiġi pruvat xi element ta" pussess aktar sostanzjali minn hekk"*

***L-opposizzjoni tacita jew espressa.***

*Sabiex dan l-element ikun komplut hemm bzonn li jkun hemm l- opozizzjoni tacita jew espressa tal-persuna l-ohra. L-agent irid ikun jaf li dik il-persuna ghandha t-tgawdija*

*ta' dak id-dritt u li dik il-persuna qed topponi espressament jew tipprezumi li ser topponi ghat- tnehhija ta' dak id-dritt. Din l-opposizjoni hija rikjesta sine qua non.*

***It-twemmin da parti tal-agent li qed jagixxi in konsegwenza ta' xi dritt.***

*Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appel Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Eileen Said (Appell Kriminali Nru: 37/2002, 19 ta' Gunju 2002, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Imhallef J. Galea Debono) inghad li:-*

*"Illi kif ġie ritenut, element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali, fis-sens li l-aġir ta' dak li jkun jrid ikun magħmul bil-ħsieb li hu qed jeżerċita dritt li jaħseb li għandu għad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' ħaddieħor per eżempju.*

*Għalhekk hemm bżonn li ssir indaġni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkummettiet dan ir-reat biex tagħmel dak li għamlet. Għalhekk hemm bżonn li ssir indaġni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkummettiet dan ir-reat biex tagħmel dak li għamlet. Dwar x'tip ta' intensjoni irid ikollu l-akkuzat jinghad b'refrerena ghas sentenza f-l-ismijiet Il-Pulizija v. Mario Lungaro (Vol. LXXX, part. IV, p 312, 15 ta' Novembru 1996, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Prim' Imhallef Emeritus V. DeGaetano) hu rrilevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bħala intenzjoni speċifika jew intenzjoni ġenerika".*

*Jigi enfasizzat li meta qed nitkellmu fuq ir- reat ta' ragion fattasi, mhux qed nghidu biss li huwa reat li jusurpa l-bniedem mid-dritt tat-tgawdija tieghu fuq propjeta' izda r-reat huwa reat kontra l-ammnistrazioni tal-gustizza fejn il "…criminosità consiste nello animo di sostituire l'autorità mia all'autorità del giudice, che avrei dovuto invocare perchè desse sanzione al mio diritto." (Carrara, Programma del Corso di Diritto Criminale, Volume V - Parte Speciale, (7th edn Libreria Fratelli Cammelli Editori, Prato 1899) 541.)*

***Il-kuxjenza tal-agent li dak li ghamel ghamlu b'esercizzju ta' dritt.***

> *Sabiex jirrizutla r-reat ta' ragion fattasi, l-intenzjoni sabiex jigi ezercitat dritt pretiz ghandu jkun akkompanjat bl-intenzjoni li dak li ghamel ghamlu billi agixxa bla ma ghamel rikors lejn l-awtorita Pubblika. Minkejja li l-kelma 'intenzjonalment' ma tinsabx fil-kliem tal-ligi, m'hemmx dubju li jrid ikun hemm tali nteznjoni ghall-esistenza ta' dan ir-reat.*
>
> *Ghalhekk wara li din il-Qorti ghamlet ezami tal-erbgha elementi rikjesti ghall-ezistenza ta' dan ir-reat huwa car u manifest li l-erbgha elementi lkoll flimkien ghandhom jirrizultaw sabiex ikun hemm sejba ta' htija. La l-ewwel Qorti ghamlet paragun bejn is-sistema legali Maltija u dik Taljana din il-Qorti hasset il-htiega li tistabilixxi d-differenza lampanti bejn iz-zewg sistemi. Filwaqt li fl-"esercizio arbitrario delle proprie ragioni" hemm bzonn l-uzu ta' vjolenza u theddid bhala elementi essenzjali, l-element intenzjonali u l-elementi l-ohra fil-ligi Taljana huma simili hafna ghal dawk fis-sistema nostrana."*

Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti sejra issa tezamina l-fattispecie tal-kaz li ghandha quddiemha.

**Ikkunsidrat:**

In breve, jirrizulta li hemm kwistjoni ghaddejja bejn l-ahwa Camilleri, peress li Emanuele u Paolo Camilleri jsostnu li dawn l-ghelieqi mertu ta' din il-kawza, huma fil-pussess ta' Paolo Camilleri, u ilhom hekk ghal tul ta' zmien twil, mentri Giuseppe Camilleri jsostni li dawn l-ghelieqi kienu fil-pussess tieghu, u in fatti kien zeraghhom qamh, li spicca gie mahrut minn hutu, Emanuele u Paolo Camilleri.

Meta din il-Qorti tgharbel ix-xhieda moghtija mir-rapprezentant tal-*Paying Agency,* jirrizulta li anke quddiem l-istess Agenzija, Paolo Camilleri u Giuseppe Camilleri entrambi, sostnew li kienu jahdmu dawn l-ghelieqi in ezami. Mix-xhieda ta' James Gauci in rapprezentanza tal-*Paying Agency,* irrizulta li fuq din l-ghalqa hemm kontestazzjoni bejn Giuseppe Camilleri u Paolo Camilleri, u ghalhekk ma hijiex irregistrata fuq hadd prezentement, ai fini ta' sussidju li jinghata lill-bidwi. Irrizulta li bejn l-2003 sal-2016, dawn l-ghelieqi in kwistjoni kienu rregistrati fuq Paolo Camilleri ai fini ta' sussidju, izda mbaghad gew imnehhija minn fuq Paolo Camilleri,

in vista ta' kontestazzjoni min-naha ta' Giuseppe Camilleri (Vide xhieda moghtija fl-20 ta' Gunju 2019). Il-fatt li prezentement, u sa mis-sena 2017, ma ghadux jinghata sussidju fuq din ir-raba', xorta wahda ma jikkorrabora t-tezi tal-ebda parti, peress il-fatt li mhux jinghata sussidju, ma jfissirx li din ir-raba' mhux qieghda fil-pussess ta' xi hadd mill-ahwa Camilleri.

Giuseppe Camilleri da parti tieghu, ipprezenta sett ta' rcevuti li juru li huwa qed ihallas dak dovut lil *Lands Authority* fir-rigward ta' dawn l-ghelieqi in ezami (Dok SS1). Ipprezenta wkoll ittra datata 8 ta' Novembru 2011, mibghuta minn Nutar Dr. Philip Ellul ghall-Kummissarju tal-Artijiet, li minnha jirrizulta li Giuseppe Camilleri gie rikonoxxut fuq ir-raba' in kwistjoni (fol 74 tal-process). Fix-xhieda tieghu moghtija fil-25 ta' Gunju 2021, Giuseppe Camilleri xehed li huwa kien ilu jahdem dawn l-ghelieqi mertu ta' din l-kawza, sa mis-sena 2014. Dan gie kkontestat minn Emanuele Camilleri u Paolo Camilleri, li nsistew bil-gurament taghhom, li l-ghelieqi in kwistjoni kienu mahduma minn Paolo Camilleri. Madanakollu, in parentesi, din il-Qorti taghmilha cara li l-prova li ghandha tingieb, hija wahda, fis-sens li l-parte civile ghandu pussess ta' dawn l-ghelieqi, u mhux fuq min huma rregistrati dawn l-ghelieqi. Dana peress li persuna jista' jkun li ghandha l-ghalqa tghajjat lilha, izda ma tkunx qed tahdem jew tersaq lejn din l-ghalqa.

Giuseppe Camilleri pprezenta xi ritratti (Dok M3 u Dok SG3 u ritratt A kontenut fic-CD anness man-nota ta' Giuseppe Camilleri pprezentata fit-2 ta' Mejju 2019) fejn jidher qed jizra' ghalqa, li skont ix-xhieda moghtija minnu fl-10 ta' April 2019, kienet l-ghalqa mmarkata bl-ittra A fuq Dok SG1. Gew ipprezentati wkoll ritratti ta' kif kienet l-ghalqa qabel ma' nhartet (Vide Dok M4, Dok M 5, Dok SG4, Ritratt B kontenut fic-CD anness man-nota ta' Giuseppe Camilleri pprezentata fit-2 ta' Mejju 2019). Gew ipprezentati wkoll ritratti ta' kif giet ir-raba' wara li giet mahruta (Vide dok M6, SG5 u Ritratt D kontenut fic-CD anness man-nota ta' Giuseppe Camilleri pprezentata fit-2 ta' Mejju 2019).

Da parti taghhom, Paolo Camilleri u Emanuele Camilleri sostnew li huma verament hartu dawn l-ghelieqi, izda kkontestaw li kien hemm xi qamh mizrugh. Insistew li huma dahlu gor-raba' fil-pussess ta' Paolo Camilleri, u hartu l-hafur, li huwa haxix hazin. Inneggaw li hartu xi qamh, u kif ukoll insistew li ma kien hemm l-ebda qamh mizrugh. Insistew li ma kien hemm l-ebda perijodu ta' zmien, li Paolo Camilleri reha mill-pussess tieghu, dawn l-ghelieqi.

Din il-Qorti hija rinfaccata ghalhekk, b'verzjonijiet konfliggenti u kontradittorji ghall-ahhar. Il-Prosekuzzjoni u parte civili naqqsu fil-fehma tal-Qorti, li jressqu provi lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, li l-pussess ta' dawn l-ghelieqi kien f'idejn il-parte civile, Emanuele Camilleri. Dan dejjem sostna li l-ghelieqi huma fil-pussess ta' Paolo Camilleri, u ghalhekk l-imputazzjoni hekk kif imressqa ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' Emanuele Camilleri, certament ma tregix. Dwar il-pussess ta' Paolo Camilleri, il-Prosekuzzjoni naqqset li tressaq prova, li verament dawn l-ghelieqi kienu mizrugha qamh. Ma tressqitx prova li l-prodott li jidher fir-ritratt, huwa qamh u mhux hafur. Kienet taghmel differenza jekk tali prova tressqet. Madanakollu, mill-provi ezebiti, ma jirrizultax jekk dak il-prodott huwiex hafur li jitla' wahdu bhal haxix hazin, jew jekk huwiex qamh. Din il-prova kienet necessarja. Jekk dan il-haxix huwa hafur, ma kien hemm hadd li zerghu, u ghalhekk Giuseppe Camilleri ma setghax jigi akkuzat li zera' xi haga bil-ghan li jfixkel il-pussess ta' Paolo Camilleri. In oltre, apparti minn dan kollu, Giuseppe Camilleri gie akkuzat li ghamel dan l-allegat reat fis-6 ta' Jannar 2018, meta huwa, f'dik id-data, ma ghamel l-ebda azzjoni, hlief li osserva l-ghelieqi mahruta. Semmai, l-imputazzjoni kellha tinhareg ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-dati meta allegatament inzera' l-qamh, (jekk verament dan il-haxix kien qamh u mhux hafur), u meta allegatament kien imur jiehu hsieb il-koltivazzjoni ta' dan l-allegat qamh.

Jidher ben evidenti, li hemm kontestazzjoni kbira dwar min ghandu jkollu l-pussess ta' dawn l-ghelieqi in ezami, izda ma tressqux provi lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, li jwasslu lil din il-Qorti biex tqies li l-elementi tar-raggion fattasi, gew ippruvati. Din il-Qorti ma tqisx li gie ppruvat sodisfacentement, min kellu l-pussess ta' dawn l-ghelieqi fiz-zmien tal-incident, u lanqas prova li sehh xi att estern da parti tal-imputat, fid-data msemmija fl-imputazzjoni. Ghalhekk, din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra, ghajr li tiddeciedi li din l-imputazzjoni ma gietx sodisfacentement ippruvatha.

**Decide**

**Ghal dawn ir-raguniijiet, din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza, billi tillibera lill-imputat minn kull kundanna u htija, stante li l-imputazzjoni ma gietx sodisfacentement ippruvata.**

**Magistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**

**Deputat Registratur**